# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 189/01**

**Numru 51**

**Capua Palace Limited**

**vs**

**Jacqueline Ellul**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti ammont dovut ghal diversi servizzi medici u akkomodazzjoni prestati lill-konvenuta kif jidher mill-fattura annessa mal-avviz Dok A, liema somma il-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament

effettiv, ai termini tal-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat li mal-avviz ma giet annessa ebda fattura kif ukoll dak verbalizzat a fol 11 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-13 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm500.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur